MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 178/2012/1

**ALFRED PORTELLI**

**Vs**

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz ippresentat fit-18 ta' Mejju 2012 mir-rikorrenti fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex vvjolat il-kuntratt*

*tieghu ta' Contracts Manager datat 18 ta' Jannar 2010 meta tterminat l-istess kuntratt qabel iz-zmien pattwit u ghalhekk tikkundanna lill-Kunsill ihallas danni.*

*Ra ir-risposta tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ippresentat fit 12 ta' Lulju 2012 fejn laqghet ghal dak miltub billi ressqet, bhala eccezzjonijet preliminari, id-difiza illi l-meritu tal-kaz ma huwiex sindakabbli minn dina l-Qorti in vista ta' dak provdut fil-kuntratt kif ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu kull dritt illi jittermina l-kuntratt meta jrid hu. Il-Kunsill ressaq ukoll id-difiza illi r-rikorrent kien accetta l-ahhar pagament tal-Kunsill Lokali li kien intbghat ghas-saldu tal-pretensjonjiet tieghu, u ghalhekk, ma kellu ebda pretensjoni ohra kontra l-Kunsill Lokali.*

*Ra illi l-partijiet qablu li l-provi jingiebu inzijjalment fuq iz-zewgt eccezzjonijiet preliminari, osija dik ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti u dik li l-Kunsill kellu dritt jittermina meta jrid, wara liema provi kellha tinghata sentenza fuq dawna z-zewgt eccezjonijiet.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Marisa Pisani****, Acting Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex moghtija fis 26 ta' Novembru 2012 fejn qalet li r-rikrorenti kellu kuntratt ta' Contracts Manager fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex, liema kuntrtat gie lilu terminat f'Settembru 2011 wara laqgha tal-Kunsill illi nzammet f'Awissu 2011 fejn gie deciz illi r-rikorrenti jinghata it-30-day notice applicabbli fil-kuntratt li biha ie mgharraf illi l-kuntratt tieghu kien qed jigi tterminat. Hija stqarret illi sussegwentement ghaddhielhom invoice tas-servizzi resi u dina giet lilu imhallsa u minnu msarrfa.*

*Rat id-dokumentazzjoni estensiva esebita mill-Kunsill Lokali fil 25 ta' Frar 2013.*

*Rat illi l-partijiet, fis-seduta tal 25 ta' Frar 2013, iddikjaraw illi ma kellhomx provi x'jippresentaw fuq iz-zewgt eccezzjonijiet li qed jigu kkunsidrati u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas 26 ta' April 2013.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex ippresentat fit 22 ta' Marzu 2013 filwaqt illi ir-rikorrenti ma kienx ippresenta is-sottomissjonjiet sad-data tas-sentenza.*

*Rat illi fl 4 ta' Gunju 2013 il-partijiet ippresentaw nota konguntiva illi fiha talbu lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza peress illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni.*

*Rat illi fit 23 ta' Settembru 2013, il-Qorti giet infurmata li l-partjiet ma waslux ghal-transazzjoni u ghalhekk il-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza, u giet ghalhekk differita ghas-sentenza ghal 11 ta' Novembru 2013 filwaqt illi r-rikorrenti nghata sal 21 ta' Ottubru 2013 sabiex jaghmel in-nota ta' sottomissjonijiet, liema nota izda ma saritx entro z-zmien stipulat.*

***Ikkunsidrat***

*Illi d-difiza imressqa mill-Kunsill Lokali quddiem dina l-Qorti huma tnejn, ossija li tali kawza kellha ssir b'arbitragg u talli l-Kunsill Lokali kellu kull dritt illi jittermina il-kuntratt li kellu r-rikorrent.*

*Dwar l-ewwel eccezzjoni, fis-sottomissjonijiet taghhom, il-Kunsill Lokali jghidu ukoll illi l-ilment kellu anke jigi indirizzat lill-Bord tal-Governanza stabbilit a tenur tal-Avviz Legali 63 tal-2010 apparti li kellu jsir permezz ta' Arbitragg*

*Il-Kunsill Lokali imbghad taghmel referenza ghal '**Local Council (Tendering) Procedures, 1996**', li tirregola il-kuntratti kollha li johorgu l-Kunsilli Lokali, u ghalhekk dak ukoll tar-rikorrent, fejn f'artikolu 41, intitolat '**Settlement of Disputes**', jinghad dan li gej:*

*"Any dispute or difference arising out of the Contract including those considered as such by any of the parties shall be finally settled under the Arbitration Rules and Procedures established by the Laws of Malta"*

*Dwar it-tieni eccezzjoni, il-Kunsill Lokali jaghmel referenza ukoll ghall-istess 'Local Council (Tendering) Procedures, 1996' fuq imsemmija, izda, dina id-darba, issir referenza ghal artikolu 42 (a) ta' l-istess regolamenti, intitolat '**Termination and/or Postponement of Works**', fejn dawna jghidu s-segwenti:-*

*"The Local Council may, by written notice to the Contactor, at any time, give prior notice of his intention to terminate the contract. The effective date of termination shall not be less than 30 days after receipt of such notice or such other shorter or longer period as may be agreed between the parties. Upon receipt of such notice, the Contractor shall take immediate steps to bring the contract to a close and to reduce expenditure to a minimum."*

***Ikkunsidrat***

*Jirrizulta mill-provi prodotti u anke mill-avviz stess, illi ir-rikorrent kien inghata kuntratt mill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex bhala Contracts Manager fit 18 ta' Jannar 2010.*

*Jirrizulta wkoll mid-dokumentazzjoni pprovduta, illi kien hemm divergenza bejn ir-rikorrent, bhala Contracts Manager, u il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, dwar ix-xoghol li kien u ma kienx qieghed isir, u ghalhekk, fl-24 ta' Awissu 2011, il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex gharraf lir-rikorrent li l-kuntratt kien qieghed jigi terminat fi zmien tletin gurnata mid-data ta' l-ittra.*

*Jirrizulta illi l-kwistjoni tressqet quddiem il-Bord ta' Gvernanza Lokali li, minn naha taghha, fl 14 ta' Marzu 2012 (fol 36) ikkonkludiet illi l-lanjanzi tar-rikorrent kienu infondati. Sussegwentement, fit 18 ta' Mejju 2012, saret il-kawza odjerna.*

***Ikkunsidrat***

*L-intimata, fid-difiza taghha dwar l-ewwel eccezzjoni, tghid illi l-kwistjoni kellha tigi riferta jew lill Bord tal-Gvernanza Lokali jew inkella b'arbitragg. Apparti l-fatt illi jidher li attwalment il-kwistjoni giet riferuta lill-Bord tal-Gvernanza Lokali li fuq il-kwistjoni tat id-decizjoni taghha, il-Qorti thoss illi ghandha taghmel referenza ghall Artikolu 5 tar-Regolamenti dwar il-Bord ta' Gvernanza Lokali illi tipprovdi dan li gej:-*

*5. Il-Bord ghandu l-funzjoni li jistharreg u jiddeciedi fuq kull kwistjoni mressqa lilu dwar:*

*(a) kull abbuz allegat jew decizjoni jew amministrazzjoni hazina maghmulin minn rapprezentant elett, Segretarju Ezekuttiv jew xi ufficjal iehor, meta dak l-ghemil hazin ma jkunx wiehed ta’ xorta kriminali;*

*(b) kull ksur allegat tal-Kodici ta’ Etika ghar- Rapprezentanti Eletti li jkun fis-sehh fil-perjodu tal- ksur allegat;*

*(c) kull ilment minn xi membru tal-pubbliku fil-konfront ta' xi Rapprezentant Elett, Segretarju Ezekuttiv, jew xi ufficjal dwar xi amministrazzjoni hazina;*

*(d) kull ilment minn xi ufficjal pubbliku jew entità pubblika jew privata fil-konfront tal-agir ta' xi Rapprezentant Elett, Segretarju Ezekuttiv, jew xi ufficjal dwar xi amministrazzjoni hazina;*

*(e) kull ilment minn xi membru tal-pubbliku, ufficjal pubbliku jew xi entità pubblika jew privata fil- konfront ta' xi decizjoni ta' xi gvern lokali li permezz taghha min jaghmel l-ilment ihoss li b'xi mod tkun saret irregolarità, ingustizzja jew abbuz li ma jkunux ta' xorta kriminali.*

*Il-Qorti tinnota illi imkien fil-funzjonjiet stabbiliti hawn fuq, ma hemm illi tali Bord kellu jikkunsidra kwistjonijiet legali relatati ma' terminazzjoni ta' kuntratt, u ghalhekk certament l-argument illi l-kwistjoni kellha titrressaq quddiem il-Bord ta' Gvernanza Lokali ma jregix.*

*Madanakollu, jirrizulta illi, skond il-Local Councils (Tendering) Procedures, 1996, hemm stabbilit illi f'kaz li hemm xi kwistjoni li titqajjem in rigward il-kuntratt, dana ghandu jitqies fuq il-bazi tal-'Arbitration Rules and Procedures' stabbiliti fil-Ligi Maltija.*

*Huwa car, fil-kaz odjern, illi l-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti hija kwistjoni relatata mal-kuntratt illi r-rikorrent kellu mal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex u li, ghalhekk, huwa regolat mill-'Local Council (Tendering) Procedures, 1996'. La darba il-kwistjoni tirrigwarda dana il-kuntratt, allura huwa naturali illi l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt ghandhom japplikaw, fosthom illi kwalsiasi kwistjoni ghandha tmur arbitragg u mhux quddiem il-Qrati.*

*Ghalkemm il-Qorti ghandha r-riservi serji taghha dwar tali imposizzjoni u dwar jekk verament persuna jinghata dak li haqqu fil-proceduri ta' l-Arbitragg, il-Qorti ma tistax ma tosservax dak illi kien miftiehem bejn il-partijiet meta ftehmu fuq il-kuntratt fit 18 ta' Jannar 2010 fejn, fost affarjiet ohra, gie maqbul illi r-regolamenti fuq imsemmija japplikaw peress illi huma dawn illi jaghtu il-Kunsill Lokali l-poter li jidhlu ghal-kuntratti ma' terzi.*

*Ghalhekk, l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' dina l-Qorti tregi.*

*It-tieni eccezzjoni hija li l-Kunsill Lokali kellu kull dritt illi jittermina l-kuntratt b'dan illi kellu jaghti avviz ta' mhux anqas minn tletin gurnata. Ghalkemm tali eccezzjoni tista ma tigix konsiderata stante illi l-ewwel eccezzjoni tirrizulta, ikun opportun jigi rilevat illi johrog car mill-artikolu 42 (a) tal-'Local Council (Tendering) Procedures, 1996' illi Kunsill Lokali ghandhom dana id-dritt kif minnhom indikat. Ghalhekk tali eccezzjoni tregi wkoll.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti.*

*Wara illi rat li l-partjiet qablu li dina l-Qorti kellha tippronuncja ruhha fuq l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, ossija in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti u d-dritt tal-Kunsill Lokali illi jittermina.*

*Tghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi*

*Tilqa l-ewwel u it-tielet eccezzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex u ghalhekk*

*Tichad it-Talbiet attrici*

*Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a karigu tar-rikorrent".*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din is-sentenza r-rikorrenti appellanti ressaq aggravvji li jikkoncernaw l-akkolijment mill-Ewwel Qorti ta'l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Kunsill intimat. Jilmentaw illi:

1. L-akkolijment ta'l-eccezzjoni ta'l-inkompetenza tal-qorti kienet zbaljata billi l-klawsola kompromissorja fil-kuntratt tax-xogholijiet iffirmat bejn il-kontendenti ma kienx ghad baqalha skop jew utilita' billi l-istess kuntratt kien gie itterminat. Illi fil-fatt il-vertenza ma tirrigwarda l-ebda disputa dwar it-termini tal-kuntratt u dana ghaliex l-inadempjenza da parti tal-Kunsill intimat inholqot wara li il-kuntratt gie itterminat unilaterlament minnha. Kwindi l-klawsola arbitrali indikata fl-artikolu 41 tal-Local Council (Tendering Procedures) 1996 ma ghandux ikollha effett.

2. Illi kwalunkwe ftehim ta’ arbitragg bejn il-partijiet ma jeradikax il-kompetenza tal-qrati ordinarji u dana kif imfisser fl-artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi tezisti inkonsistenza fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti billi ghalkemm fil-parti decizorja taghha ghaddiet biex tilqa’ it-tielet eccezjoni sollevata mill-Kunsill intimat, fil-parti razzjonali taghha hija irreferiet dejjem ghat-tieni eccezzjoni. Illi l-perm tal-kwistjoni ma kenitx jekk il-Kunsill intimat setax unilateralment jittermina l-kuntratt ta’ xoghol, izda jekk tali terminazzjoni kenitx taghti lok ghal risarciment ta’danni o meno.

4. Illi l-artikolu 213 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, abbinat mal-artikolu 171, fi kwalunkwe kaz, jaghti is-setgha lill-qorti inferjuri tiddeciedi fuq jedd li ikun gie ippruvat ghad li dak il-jedd ma ikunx jidhol sewwa fit-talba originali.

Illi ghalkemm il-Kunsill intimat ma ressaqx it-twegiba tieghu bil-miktub ghall-appell interpost mir-rikorrenti, madanakollu huwa deher ghas-smigh quddiem il-Qorti u anke ressaq nota ta’ sottomissjonijiet fejn elenka il-veduti tieghu ghall-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti fl-appell minnu interpost. Isostni illi it-talba attrici hija imsejsa fuq ir-relazzjoni kontrattwali li kienet tezisti bejn il-kontendenti u ghalhekk hija intrinsikament marbuta mal-kuntratt iffirmat bejniethom u kwindi ghandu japplika dak dispost fil-ligi fil-Local Council (Tendering Procedures) 1996. Ghalhekk il-ligi specjali tirbah fuq il-ligi generali. L-ezercizzju dwar jekk r-rikorrenti huwiex intitolat ghal risarciment ta’ danni huwa imsejjes fuq id-dritt naxxenti mill-kuntratt fejn il-Kunsill jista’ unilaterlament jittermina l-kuntratt u kwindi huwa marbut ma’l-interpretazzjoni ta’l-istess. Tali vjolazzjoni tal-dak pattwit fil-kuntratt huwa imsemmi mir-rikorrenti fl-avviz promotur u li fuqu hija imsejsa it-talba tieghu ghad-danni.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi ghalkemm huwa allegat illi gie iffirmat *contract of works* bejn il-Kunsill intimat u ir-rikorrenti appellant, dan il-kuntratt qatt ma gie esebit in atti. Dak li jigi esebiet huwa estratt mill-Local Councils Tendering Procedures 1996 (L.C.P 3/96) li permezz tieghu gie moghti it-*tender* lir-rikorrenti ghal perijodu ta’ tlett snin, f’liema data izda, mhux indikat, liema ftehim baqa’ jigi imgedded sa meta il-Kunsill unilateralment ittermina dana il-kuntratt f’Settembru 2011. Ghalhekk huwa fatt mhux ikkontestat illi ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti illum huwa terminat. Wara din it-terminazzjoni, ir-rikorrentti ressaq talb ghal risarciment ta’ danni konsegwenzjali minhabba f’dik it-terminazzjoni. Illi din il-Qorti qabel xejn ser tissorvola il-lanjanza imqajjma mir-rikorrenti dwar l-inapplikabbilita tal-klawsola arbitrali fid-dawl tat-terminazzjoni tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-

partijiet u mal-ewwel tosserva illi din is-sottomisjoni ma ghandhiex validita legali.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 15 tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jittratta dwar il-procedura f'arbitragg domestiku, jiddisponi illi "***tilwima tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam mieghu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tharis tal-ftehim***." L-artikolu 32(2) imbaghad jipprovdi illi "***t-tribunal ta' l-arbitragg ikollu s-setgha jiddeciedi dwar l-ezistenza jew il-validità tal-kuntratt li klawsola ta' arbitragg tkun tinsab fih. Ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 32 klawsola ta' arbitragg li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi ghal arbitragg skond din il-Parti ghandha titqies bhala ftehim indipendenti mill-patti l-ohra tal-kuntratt. Decizjoni mit-tribunal ta' l-arbitragg li l-kuntratt ikun null u bla effett ma ghandhiex tkun tfisser ipso jure li l-klawsola ta' arbitragg tkun invalida wkoll.***"

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog ferm car li l-Legislatur ried illi klawsola arbitrali f'kuntratt konkluz bejn tnejn u iktar min-nies ikollha ezistenza indipendenti w awtonoma mill-kumplament tad-disposizzjonijiet ta' dak l- istess kuntratt, u dana kjarament ghas-salvagwardja ta' tali stipulazzjoni partikolari. Ghalkemm l-Artikolu 32 tal- Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar is-sitwazzjoni fejn it-tribunal ta' l-arbitragg ikun qed jittratta eccezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tieghu, il-Qorti ma issib ebda raguni ghalfejn tali kuncett ta' indipendenza w autonomija tal-klawsola arbitrali ma ghandux jigi applikat ukoll minn qorti ta' kompetenza civili meta din tkun qed tikkonsidra kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni taghha *proprio* minhabba l- ezistenza ta' klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti. Dan kollu jwassal ghall-konkluzzjoni li anke jekk il-kuntratt konkluz bejn il-partijiet kontendenti gie terminat mill-Kunsill intimat b'daqshekk ma jfissirx li l-klawsola arbitrali spiccat fix-xejn u ma ghadhiex torbot lill-partijiet kontraenti, iktar u iktar meta minn qari tat-talba kif postulata mir-rikorrenti, il-vjolazzjoni tal-ftehim mill-Kunsill intimat qed jigi invokat minnu. Kwindi il-Kunsill appellat ghandu ragun meta isostni illi t-talba tar-rikorrenti hija essenzjalment marbuta mal-interpretazzjoni tal-kuntratt milhuq bejniethom u il-vjolazzjoni tat-termini ta'l-istess mill-intimat. Ghaldaqstant l-ewwel aggravvju ma huwiex guridikament validu u ser jigi respint.

Il-Qorti fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz ser tghaddi issa biex tezamina t-tieni aggravvju sollevat mir-rikorrenti dwar il-kompetenza dejjiema tal-qrati ordinarji anke fid-dawl ta' klawsola arbitrali mifthiema bejn il-partijiet. Illi ghalkemm hu principju rassodat illi l-eskluzjoni tal-gurisdizjoni tal-Qrati Ordinarji hu ben accettat u rispettat in kwantu dan hu espressjoni tal-volonta tal-kontraenti li ghal kull fini w effett tal-ligi jammonta ghal ligi bejn l-istess partijiet, madanakollu l-artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li "**l-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi**

**ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva**".

Ghalkemm l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk ikun hemm ftehim ta' arbitragg/klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti l-qorti ta' kompetenza civili ghandha twaqqaf il-procedimenti istitwiti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma illi l-applikazzjoni ta' dan il- provvediment tal-Ligi, ghandu jinqara flimkien ma' dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-procedura li ghandha tigi segwita minn dik il-parti fi proceduri civili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proceduri minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg. Tant id-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistghux jigu injorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'dak l-istess artikolu tal-Ligi hemm dispost li l-Qorti ghandha tagixxi bla hsara ghad- disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg.

L-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "**minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-fethim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew l-imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu il-procedimenti. Rikors jista' jsir minkejja l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet.**"

Dak li kellu jaghmel il-Kunsill intimat, allura, kien illi qabel ma iressaq kwalsiasi eccezzjoni jaghmel talba appozita ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti. Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li s-subartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi **"li**

**mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond is-subartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mill-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni"**.

Fil-kaz in ezami l-konvenut kjarament ma segwiex il- procedura stabbilita fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta izda, kuntrarjament ghal dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi, *una volta* notifikat bir-Rikors promotur ipproceda billi ressaq l-eccezzjonijiet tieghu – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici fir-risposta tieghu.

Illi dana il-hsieb kien rifless fis-sentenza **Cobra Installations Limited vs Caruana Stephen** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Jannar 2012 u ikkonfermata fl-appell fit-08 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza nostrana fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello**, Citaz. Nru. 2657/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 fejn gie deciz

"***trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens (Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421). Din mhiex kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilità o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha illi "waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas però jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat" (Vol. XXXII pI p712, "Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et" Apell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973). Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l- ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li il-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil- konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi. (Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" Appell, 6 ta' Ottubru 2000).***

***Ghalkemm fil-kaz in ezami si tratta ta' disposizzjoni procedurali nascenti mill-Ligi specjali li tirregola l-Arbitragg u mhux mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn il-principju guridiku appena citat ma ghandux japplika wkoll ghall-kaz in***

***ezami. In effetti proprio ghaliex si tratta ta' norma procedurali specjali huwa imperattiv li l-istess tigi applikata u interpretata alla lettera u mhux per equipollens.***

Illi din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb u kwindi hija tal-fehma illi t-tieni aggravvju sollevat mir-rikorrenti jisthoqq akkoljiment u dana fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12. Gialdarba il-Kunsill intimat naqas milli iressaq it-talba appozita kif ipprovdut fil-ligi ghal waqfien ta' dan il-procediment fid-dawl tal-klawsola arbitrali, u dana qabel ma ressaq l-eccezzjonijiet tieghu, huwa kien prekluz, imbaghad milli jissolleva in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *per via di eccezzione* u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex tichad dina l-eccezzjoni u dana billi una volte l-intimat ma mexiex kif dettat minnu bil-ligi, il-gurisdizzjoni tal-qrati civili ma gietx eradikata.

Illi gialdarba giet stabbilita il-kompetenza tal-qorti sabiex tisma' u titratta dina l-vertenza il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tinoltra ruhha fl-aggravvji l-ohra sollevati mir-rikorrenti appellanti. Dana ghaliex l-Ewwel Qorti meta laqghet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza taghha ma kellhiex tidhol biex tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu u kwindi d-decizjoni taghha f'dana ir-rigward, u cioe' dwar il-jedd tal-kunsill intimat li jittermina il-kuntratt, ma ghandiex ikollha effett bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tilqa' l-appell interpost mir-rikorrenti appellanti u dana fid-dawl tat-tieni aggravvju sollevat minnha, qed tirrevoka ghalhekk is-sentenza appellata u tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex hemmhekk tigi trattata u deciza it-talba tar-rikorrenti fid-dawl ta'l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimat.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-Kunsill appellat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------